# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-14 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Numru 103/2017**

**Prim Awla tal-Qorti Civili**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Jason Spiteri**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-referenza datata l-14 ta' Dicembru, 2017, li permezz taghha l-Qorti tal-Appell Kriminali, wara talba espressa tal-appellanti datata t-23 ta' Mejju, 2017, (ara foll 205), jista` jigi sintetikament sottolineat is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi din hi lanjanza kostituzzjonali *ai termini* tal-artiklu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, (minn issa 'l quddiem il-Kostituzzjonali);

1.2. Illi f'dan l-istadju jirrizulta li r-referenza in dizamina giet intavolata biex il-qorti odjerna tinvestiga jekk il-lanjanza sottomessa mill-appellant hix frivola jew vessatorja – senjatament jekk il-lanjanza indirizzata tkun irrelevanti ghall-proceduri li tkun tqajmet fihom;

1.3. Illi l-lanjanza sollevata mill-appellant tirrigwarda l-allegazzjoni tieghu li gie imcahhad minn process gust fi proceduri kriminali mehuda kontra tieghu meta n-nota ta' sottomissjonijiet li fiha kienet tikkapsula d-difiza tieghu ma kienitx ingiebet a konjizzjoni tal-gudikant li kien qed jippresjiedi l-kaz *in prim' istanza*;

1.4. Illi konsegwenza tal-istess nuqqas delineat fil-paragrafu precedenti irrizulta li ma kienx hemm dik l-*equality of arms* rikjesta mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, (minn issa 'l quddiem, il-Konvenzjoni), billi l-qorti in kwistjoni ghalhekk ma semghetx id-difiza tal-istess;

1.5. Illi ghalkemm din l-istess mankanza in dizamina giet imressqa wkoll bhala aggravju, separat fil-procedura in appell, l-appellant xorta jinsisti li ma jistax jinghata rimedju effettiv fl-appell minnu inoltrat meta hemmhekk id-difiza tieghu tigi ezaminata biss fl-istadju ta' revizjoni u b'hekk jigi ipprivat mid-dritt tad-*doppio esame*;

1.6. Illi jirrizulta li fl-udjenza tal-20 ta' Settembru, 2016, (ara foll 130), id-defiza hemm talbet differiment biex tressaq il-provi taghha, izda ghalkemm kienet inghatat gia` diversi opportunitajiet biex taghmel hekk u baqghet m'ghamlet xejn, l-ewwel qorti:

1.6.1. Iddikjarat il-provi tad-difiza konkluzi;

1.6.2. Tat lid-difiza l-opportunita` biex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet u b'hekk tkun tista' tressaq l-argumenti taghha bil-miktub;

1.6.3. Iddifferiet ghalhekk il-kawza ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghad-data hemm indikata;

1.7. Rat il-verbal tal-udjenza tal-31 ta' Jannar, 2017, (ara foll 132), fejn jirrizulta mill-istess li inghatat is-sentenza, (ara foll 133);

1.8. Illi mill-verbal redatt immedjatament sussegwenti ghall-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti kif debitament awtorizzat, l-abbli difensur tal-imputat fl-stess procedura irrileva s-segwenti, (ara foll 132);

1.8.1. Illi wara l-prolazzjoni tal-istess sentenza talab li jikkonsulta mal-atti tal-qorti;

1.8.2. Illi minn ezami tal-istess atti irrizultalu li n-nota ta' sottomissjonijiet minnu pprezentata fir-Registru tal-istess qorti fis-6 t'Ottubru, 2016, ma kienitx tifforma parti mill-istess atti;

1.8.3. Illi konsegwentement talab li l-istess qorti taghmel il-verifiki necessarji;

1.9. Illi in vista tal-istess il-qorti ikkoncernata iddirigiet lill-*istaff* taghha biex ifittxu l-imsemmija nota ta' sottomissjonijiet, (ara foll 132);

1.10. Illi rizultat ta' din it-tfittxija, (ara foll 132):

1.10.1. In-nota *de quo*, (flimkien ma kopja), kienet instabet;

1.10.2. Illi l-istess noti kienu fuq l-iskrivanija fis-sigrieta tal-awla *de quo*;

1.10.3. Illi ma ddahlux fil-process relativ ***bi svista***;

1.11. Illi sussegwenti ghal dan, il-qorti in kwistjoni ordnat li n-nota *de quo*, u l-kopja maghha annessa, jiddahhlu immedjatament fl-atti tal-procedura in kwistjoni, (ara foll 132);

1.12. Illi in effetti jirrizulta li n-nota ta' sottomissjonijiet in dizamina tinsab inserita fl-atti, ( ara foll 138 ), flimkien mal-kopja tal-istess fuq indikata, ( ara foll 148 ), wara s-sentenza tal- Ewwel Qorti;

1.13. Illi in vista tas-suespost il-qorti riferenti irriteniet is-segwenti:

1.13.1. Illi t-talba sottomessa quddiemha mill-appellanti mhix frivola u vessatorja;

1.13.2. Illi irriteniet dak indikat fil-paragrafu precedenti ghaliex l-imputat appellant m'inghatax l-opportunita` mill-Ewwel Qorti li jressaq il-provi tieghu;

1.13.3. Illi l-imsemmija qorti ma kelliex l-okkazzjoni tezamina s-sottomissjonijiet tal-istess imputat appellant;

1.13.4. Illi ghalhekk l-imsemmija qorti in prim' istanza wasslet ghad-decizjoni taghha minghajr ma semghet id-difiza tal-istess imputat;

1.13.5. Illi konsegwenza tal-istess, il-principju tal-hekk imsejjah "*equality of arms*" seta' ma giex osservat;

1.13.6. Illi in effetti s-sentenza in dizamina tal-ewwel qorti ma taghmel l-ebda referenza ghal difiza sollevata fl-imsemmija nota ta' sottomissjonijiet;

1.14. Illi ghalhekk il-qorti riferenti aderiet din il-qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha biex:

1.14.1. Tara jekk l-akkuzat Jason Spiteri hux qed isofri minn xi vjolazzjoni taht l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni

u taht l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni minhabba li gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq fl-appell minnu intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali billi jigi pprivat mid-dritt ghad-*doppio esame* billi inholoq pregudizzju ghalih meta in-nota ta' sottomissjonijiet minnu pprezentata *in prim' istanza* ma ingibitx a konjizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u b'hekk, m'ezaminatx id-difiza tieghu ghar-reati lilu addebitati;

1.14.2. Illi in vista tal-premess gew ghalhekk allegatament ivvjolati:

1.14.2.i. Il-principju tal-"*equality of arms*", u

1.14.2.ii. Id-dritt tal-akkuzat Jason Spiteri ghal smigh xieraq skont il-ligi;

2. Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Dicembru, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 243);

3. Rat ir-rikors datat it-30 ta' Jannar, 2018, li permezz tieghu l-Avukat Generali ordna li l-atti tal-procedura odjerna jigu notifikati lilu biex ikollu terminu biex jintavola risposta, (ara foll 254);

4. Rat id-digriet taghha datat il-31 ta' Jannar, 2018, fir-rigward tat-talba indikata fil-paragrafu precedenti u in vista tal-istess laqghet it-talba, (ara foll 254 u 255);

5.0. Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali datata l-20 ta' Frar, 2018, li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti, (ara foll 257):

5.1. Illi l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tal-akkuzat huma infondati;

5.2. Illi ghalhekk jopponu ghar-referenza in dizamina billi:

5.2.1. Illi l-akkuzat qatt ma gie imcahhad minn smigh xieraq kif dedott fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

5.2.2. Illi l-qorti dejjem kienet imparzjali u indipendenti;

5.2.3. Illi l-akkuzat inghata diversi opportunitajiet biex iressaq il-provi tieghu u biex jaghmel il-kontro-ezami mehtieg;

5.2.4. Illi l-akkuzat kien assistit minn avukat;

5.2.5. Illi l-istess akkuzat kien ukoll inghata l-opportunita` li jaghmel is-sottomissjonijiet finali tieghu, (ara foll 130);

5.3. Illi d-dritt ghal smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-mertu izda biss il-harsien ta' certi principji procedurali fosthom, il-principju tal-"*equality of arms*", liema principju gie wkoll imhares fil-procedura in kwistjoni;

5.4. Illi in effetti l-prosekuzzjoni ma intavolat l-ebda nota ta' sottomissjonijiet u ibbazat it-tezi taghha fuq il-provi prodotti;

5.5. Illi n-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat iddiskutiet il-provi prodotti;

5.6. Illi konsegwenza tal-istess il-qorti in kwistjoni kienet finalment ser tiddeciedi fuq il-provi prodotti – kif fil-fatt gara;

5.7. Illi jirrizulta li fl-appell tieghu l-appellat jissolleva l-kwistjoni hawn in dizamina u konsegwentement, il-qorti in appell ghandha s-setgha li taghti rimedju fir-rigward jekk tikkonsidra li kien hemm ksur tal-principju tal-*audi alteram partem*;

5.8. Illi *stante* li l-appellant qieghed jippartecipa fl-istadju tal-appell, ma jistax jallega li ser jigi pprivat mid-dritt tieghu tad-*doppio esame*;

5.9. Illi l-intavolar ta' nota ta' sottomissjonijiet hu parti zghira mill-procedura ta' natura kriminali;

5.10. Illi s-sentenza *in prim'istanza* hi ibbazata fuq il-provi prodotti;

5.11. Illi smigh xieraq ghandu jigi ezaminat fid-dawl tat-totalita` tal-procedura u mhux fir-rigward ta' mumenti partikolari taghha bhal mhu qed isosstni l-akkuzat appellant;

5.12. Illi *di piu`*, l-istess akkuzat irid juri li kien zvantaggjat bl-allegat nuqqas meta paragunat mal-parti l-ohra fl-istess procedura;

5.13. Illi mill-atti in dizamina jirrizulta li l-partijiet *de quo* tpoggew fl-istess livell mill-Qorti tal-Magistrati u gew trattati b'mod identiku;

5.14. Illi ghalhekk jitolbu li din il-qorti:

5.14.1. Tiddikjara li c-cirkostanzi in dizamina ma jiksrux id-drittijiet tal-akkuzat *de quo* fit-termini tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

5.14.2. Bl-ispejjez;

5.14.3. Salv risposti ulterjuri;

6. Rat id-digriet taghha datat it-18 t'April, 2018, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 262);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Jason Spiteri datata l-4 ta' Mejju, 2018, (ara foll 263), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali datata l-15 ta' Gunju, 2018, (ara foll 271);

8. Ezaminat id-dokumenti prodotti;

9. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat is-26 ta' Gunju, 2018, li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti ta' sottomissjonijiet minnhomipprezentati;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

10.1. Illi l-procedura in dizamina hi referenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali biex jigi determinat jekk ghar-ragunijiet esposti fl-istess referenza, jirrizultax ksur tad-drittijiet fundamentali tal-lanjant originali Spiteri *ai termini* tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

10.2. Illi l-imsemmija referenza hi bbazata fuq l-ilment tal-appellant Spiteri li ilmenta li fil-procedura in *prim'istanza* fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Spiteri** deciza fil-**31 ta' Jannar, 2017**, (ara foll 133), kien lez id-dritt tieghu ta' smigh xieraq kif sancit mill-artikli indikati fil-paragrafu precedenti;

10.3. Illi jirrizulta li l-imsemmi Spiteri kien hemm inghata l-opportunita` jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, (ara foll 130);

10.4. Illi in effetti l-istess Spiteri kien ipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fir-Registru tal-imsemmija qorti fis-6 t'Ottubru, 2016, (ara foll 138), flimkien ma kopja tal-istess ghall-prosekuzzjoni, (ara foll 148);

10.5. Illi s-sentenza in dizamina kienet ippornunzjata fil-31 ta' Jannar, 2017, (ara foll 133);

10.6. Illi skont il-verbal tal-istess udjenza fejn inghatat is-sentenza *de quo* jirrizulta li l-imsemmija nota ta' sottomissjonijiet flimkien ma kopja tal-istess ma gewx inseriti fil-process in kwistjoni bil-konsegwenza li d-difiza li l-abbli rapprezentant legali tal-akkuzat Spiteri kien ipprepara qatt ma ingiebet a konjizzjoni tal-qorti qabel ma din ippronunzjat is-sentenza fuq riferita, (ara foll 132);

10.7. Illi gie intavolat appell mill-istess sentenza, (ara foll 160);

10.8. Illi fl-atti tal-istess appell giet intavolata r-referenza in dizamina, (ara foll 1);

10.9. Illi l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali jissottomettu li ma gewx vjolati d-drittijiet fundamentali tal-akkuzat appellant, (ara foll 257);

Ikkunsidrat:

11. Illi in vista tal-premess il-procedura odjerna tikkonsisti f'referenza kostituzzjonali inizzjata appozitament permezz ta' rikors tal-imsemmi akkuzat appellant datat it-23 ta' Mejju, 2017, (ara foll 205), u konkretizzat bir-referenza vera u proprja datata l-14 ta' Dicembru, 2017, (ara foll 1);

12. Illi essenzjalment il-lanjant Spiteri qed jissottolinea li meta l-qorti *in prim' istanza* ma haditx konjizzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu billi l-istess thalliet fuq l-iskrivanija u ma gietx inserita fil-process, dan il-fatt illeda l-principju tal-"*equality of arms*" fil-konfront tieghu u b'hekk gie ivvjolat id-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif sancit fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

Ikkonsidrat:

13. Illi fir-rigward tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni fuq riferit il-**Qorti tal-Appell Kriminali**, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs. David Agius *et***, datata l-**21 ta' Frar, 2014**, irriteniet is-segwenti:

> "Illi l-van Dijk u van Hoof, fil-ktieb *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Kluwer Law International (The Hague) 1998), jispjegaw il-punt hekk: "When is a hearing "fair"? in the* ***Kraska Case 2*** *the Court took as a starting point that the purpose of Article 6 is, inter alia: "... to place the "tribunal" under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision". However, the Commission and the Court*

*have avoided to give an enumeration of criteria in the abstract. In each individual case the course of the proceedings has to be assessed to decide whether the hearing concerned has been a fair one. What counts is the picture which the proceedings as a whole present, although certain aspects per se may already conflict with the principle of a fair hearing in such a way that an opinion can be given about the fairness of the trial irrespective of the further course of the proceedings, e.g. the way in which the evidence is collected during a preliminary hearing. Depending on the stage of the proceedings and its special features, the manner of application of Article 6 may differ. (pp. 428-429)"*.

"Fi kliem iehor, ghalkemm wiehed irid ihares lejn il-proceduri fit-totalita` taghhom, certi mankanzi, jew anke aspett partikolari wiehed, jistghu jkunu tant determinanti ghall-ezitu ta' kawza fil-kaz konkret li dawk il-mankanzi flimkien jew dak in-nuqqas wiehed partikolari ikunu/tkun bizzejjed biex qorti tasal ghall-konkluzzjoni li ma kienx hemm "smigh xieraq", **(P.A. – Fatiha Khallouf vs Kummissarju tal-Pulizija et. – 28 ta' Dicembru 2001)**."

Ikkunsidrat:

14. Illi in linea mal-insenjament sucitat, hu issa doveruz li l-procedura in dizamina tigi ezaminata fit-totalita` taghha biex jigi hekk determinat jekk il-mankanza li minnha jilmenta l-appellant referenti kienitx determinanti jew le ghall-ezitu tad-decizjoni tal-31 ta' Jannar, 2017, fuq riferita, u b'hekk, jekk l-istess mankanza wasslitx ghall-lezjoni li minnha jilmenta l-istess appellant referenti;

Ikkunsidrat:

15. Illi jirrizulta debitament assodat li meta l-qorti in prim' stanza in dizamina giet biex tiddeciedi l-procedura li kellha quddiemha din kienet totalment priva min-nota ta' sottomissjonijiet hawn lanjata;

16. Illi konsegwenza tal-istess jirrizulta allura pacifiku li l-istess Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet prekluza milli tkun f'posizzjoni li teffettwa evalwazzjoni shiha u kompleta tad-difiza li l-istess Spiteri xtaq iressaq *tramite* l-abbli rapprezentant legali ta' fiducja tieghu;

17. Illi in vista tal-mankanza fuq stabbilita jirrizulta assodat li allura l-istess Spiteri ma tpoggiex f'posizzjoni li fiha hu seta' jippartecipa fil-process penali skont ir-regoli stabbiliti anke skont il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, u *del resto*, kif ukoll anke awtorizzat mill-istess Qorti tal-Magistrati in kwistjoni meta din awtorizzat lill-istess Spiteri biex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu;

Ikkunsidrat:

18. Illi fir-rigward tal-principji tal-"*equality of arms*" fuq gia` riferit issir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem***, (minn issa 'l quddiem **Qorti ta' Strasburgu**, fl-ismijiet **Huseyn *and Others* vs. Azerbaijan, datata s-26 t'Ottubru, 2011**, li irriteniet is-segwenti:

> "*The Court reiterates that the principle of equality of arms, as one of the fundamental elements of the broader concept of a fair trial, requires each party to be given a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-a-vis his opponent (see* **Nideröst-Huber v. *Switzerland,* 18 *February* 1997, § 23,** *Reports* **1997 – I***). That right means, inter alia, the opportunity for the parties to a trial to present their own legal assessment of the case and to comment on the observations made by the other party, with a view to influencing the court's decision, (see, mutatis mutandis,* **Lobo Machado v. *Portugal*, 20 *February* 1996, § 31, Reports 1996-I** *with further references). The requirement of equality of arms, in the sense of a*

*"fair balance" between the parties, applies in principle to both criminal and civil cases; in criminal cases a lesser degree of latitude is allowed for any deviations from that requirement (see* **Dombo Beheer B.V. v. the *Netherlands,* 27 *October* 1993, §§ 32-33,** *Series* **A. no. 274)**.

Ikkunsidrat:

19. Illi ghandu jkun pacifiku li la darba n-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Spiteri ma ngabitx a konjizzjoni tal-qorti *in prim'istanza*, biex b'hekk l-istess qorti kienet ipprivata mid-difiza li l-istess Spiteri kien jixtieq jipprezenta quddiema, allura gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif sancit mill-artikli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni fuq citati *stante* li l-istess Spiteri m'inghatax opportunita` ragonevoli li jipprezenta l-kaz tieghu skont il-ligi;

20. Illi b'rizultat tal-istess inholoq zbilanc processwali li zvantagga lill-imputat Spiteri liema zbilanc, qatt m'ghandu jinholoq mill-amministrazzjoni tal-qorti li tezisti biss biex tassigura li l-atti kollha jitpoggew a konjizzjoni tal-gudikant biex b'hekk il-kontendenti jkunu jistghu jserrhu rashom minn trattament ugwali u mhux manipulat – anke jekk inavvertitament;

21. Illi in effetti tali zbilanc hekk rizultanti jammonta fih innifsu ghall-lezjoni tad-drittijiet fundamentali in dizamina tal-imputat Spiteri u dan, billi b'rizultat tal-istess nuqqas amministrattiv ma giex imhares il-principju tal-"*equality of arms*";

Ikkunsidrat:

22.0. Illi in vista tal-premess tirrispondi ghar-referenza in dizamina bil-mod segwenti:

**DECIDE:**

22.1. Illi tiddikjara li fil-procedura in dizamina quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Gudikatura Kriminali deciza fil-31 ta' Jannar, 2017, l-imputat appellant referenti Jason Spiteri

sofra lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq kif determinat mill-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

22.2. Tordna li biex jigi salvagwardat il-principju tad-*doppio esame* il-Qorti tal-Magistrati *de quo* terga tiddetermina l-procedura mill-gdid u din id-darba tiehu konjizzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet *de quo*;

22.3. Tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi inserita fil-process prezentement pendenti fil-Qorti tal-Appell Kriminali;

22.4. Illi tenut kont tal-fatt li hadd mill-kontendenti in prim' istanza mhu responsabbli ghall-akkadut, l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**